**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġiijet ta’ Malta, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.

Illum, XX XX XX

**Lil: XYZ Malta Limited (CXXXX)**

Permezz tal-preżenti soċjeta **ABC Limited (CXXXX)** tinterpellak sabiex entro tletin (30) jum min-notifika ta’ din l-ittra uffiċjali tħallas is-somma ta’ XX euro u XX ċenteżmu (€X), bilanċ dovut lill-mittenti rappreżentanti prezz ta’ appalt *ossia* xogħol ta’ manutenzjoni u żamma ta’ *green areas* ġewwa XX permezz ta’ prodotti u servizzi favur l-ambjent għax-xhur ta’ XX u XX;

Illi in sostenn ta’ din it-talba WM (K.I. XX), debitament awtorizzat, jiddikjara s-segwenti fatti liema fatti huwa jaf bihom personalment u bil-ġurament jikkonfermahom:

1. Illi wara sejħa għall-offerti mis-soċjeta’ intimata, s-soċjeta’ mittenti ssottometiet l-offerta tagħha nhar il-XX XX XX, u ġiet magħżula sabiex tippresta servizzi in linea mas-sejħa għall-offerti fl-isem *“The Service Tender for XXXX”*;
2. Illi għal dan il-għan, il-partijiet irregolaw il-ftehim tagħhom permezz ta’ skrittura privata datata XX XX XX;
3. Illi minkejja li s-soċjeta mittenti wettqet xogħolha skont l-imsemmija skrittura, is-soċjeta’ intimata naqset milli tħallas għas-servizzi reżi f’XX u XX tas-sena X;
4. Illi l-ammont dovut mis-soċjeta’ intimata jammonta għal XX-il euro u XX ċenteżmu (€X);
5. Illi s-soċjeta’ intimata ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas din is-somma lill-mittenti iżda baqgħet moruża u għalhekk is-soċjeta’ mittenti kellha tirrikorri għal din il-proċedura;
6. Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta’ fatt u jirrikorru l-elementi meħtieġa taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12.

Illi r-raġuni ta’ din it-talba hija li l-intimat huwa debitur tal-mittenti fl-ammont ta’ €X rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ appalt *ossia* xogħol ta’ manutenzjoni u żamma ta’ *green areas* ġewwa XX permezz ta’ prodotti u servizzi favur l-ambjent għax-xhur ta’ XX u XX huwa debitu ċert, likwidu u dovut kif ukoll jirrikorru l-elementi kollha meħtieġa mil-liġi sabiex il-mittenti jipproċedi *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap.12.

Għalhekk l-intimati qed jiġu mwissija li fin-nuqqas li jwieġbu din l-ittra uffiċjali fi żmien 30 ġurnata minn meta jirċevuha billi jippreżentaw nota fl-atti ta' din l-ittra uffiċjali li fiha jirrispinġi t-talba liema nota tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Bl-ispejjeż.

Avv. Marycien Vassallo
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Mittenti: YYY

Intimat: XXX